# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 18 ta' April 2018.**

**Rikors Numru: 220/2014 CSH**

**Elmo Insurance Limited (C-3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Filippo Mirabile**

**vs**

**David Aquilina**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar it-2 ta' Lulju 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut jhallasha s-somma ta' hamest elef u hames mitt ewro (€5,500) rapprezentanti d-danni li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Elmo Insurance Limited bhala indennizz a favur tal-assigurat taghha Filippo Mirabile, ghal liema hlas l-imsemmija socjeta' attrici kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha skond ma jirrizulta l-anness Dok. A, u dan rizultat ta' danni kkagunati mill-konvenut David Aquilina in segwitu ghal incident illi sehh fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Kalkara fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 (Dok. B) meta waqt li l-assigurat tas-socjeta' attrici kellu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ETN 286 ipparkjata fl-imsemmija triq, waqghu solar panels

mill-proprjeta' tal-konvenut ghal fuq l-imsemmija vettura fejn ikkagunaw hsarat konsiderevoli ghall-istess.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu 2013 u bl-imghax legali b'effett mit-8 ta' Awissu 2013 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut David Aquilina li giet ipprezentata fl-24 ta' Lulju 2014 fejn eccepixxa s-segwenti:

1. *"Illi fl-ewwel lok huwa ma ghamel xejn u s-solar panels in kwistjoni gew suppliti u nstallati minn Bajada New Energy Limited kif ga gie komunikat lis-socjeta' attrici permezz ta' ittra tat-28 ta' Awwissu, 2013 li kopja taghha hija hawn annessa u ghalhekk huwa ma jistghax jigi tenut responsabbli ghal xi haga li ma ghamilx.*

2. *Illi fit-tieni lok huwa ngagga nies professjonali u maghrufa fis-suq sabiex jissuplixxu u jinstallaw is-solar panels in kwistjoni u ghalhekk huwa mexa bhala bonus pater familias u ma ghandux jahti ghall-incident in kwistjoni.*

3. *Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi hsara u dannu li setghet saret grat minhabba forza magguri minhabba l-maltemp qawwi li hakem il-gzejjer ta' Malta dakinhar.*

4. *Illi fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa ezagerat.*

5. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

**PC 337 Mark Mercieca** xehed fil-21 ta' Jannar, 2015 fejn ikkonferma li fl-10 ta' Marzu 2012 huwa kien qed jinvestiga incident awtomobilistiku li sehh gewwa t-Triq il-Konvoj ta' Santa Marija l-Kalkara. F'dan l-incident kienu waqghu xi panelli fuq vettura li kienet stazzjonata u dan sehh ghal habta tas-saghtejn u ghaxra ta' filghodu u gew infurmati dwar dan mill-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Huwa spjega li dakinhar kien rih qawwi u f'dak il-lejl li huma kienu sejrin lejn il-vettura nnutaw li kien hemm hafna sigar li tqacctu fl-akkwati u meta dahlu f'din it-Triq tal-Konvoj ta' Santa Marija nnota s-sistema ta' panelli solari li kienet shiha  li waqghet minn fuq xi bejt u sahansitra nqalghu wkoll xi cnagen li kienet marbuta maghhom. Din kienet magenb vettura tal-ghamla Fiat Dublo bin-numru ta' registrazzjoni ETN 286 u qal li din kellha hsarat konsiderevoli kagun ta' dawn il-panelli. Hemmhekk ix-xhud tkellem ma' sid il-panelli solari certu David Aquilina u anki mal-persuna li kienet qed tuza' din il-vettura certu Giovanna Mirabile.

Huwa qal illi fuq il-post kienu marru tas-Civil Protection fejn nehhew il-panelli. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza relattiva ghal dan ir-rapport li ffirma fuqha u li giet immarkata mill-Qorti bhala Dokument PS. Ix-xhud iddikjara li l-panelli nqalghu bil-frame u bic-cnagen kollu. Dan huwa l-ewwel bini ta' mal-bahar u meta jkun hemm hafna rih jahkem hafna hemmhekk. Mistoqsi kemm kellu panelli fuq il-bejt, is-Sur Aquilina wiegeb li llum ghadda z-zmien pero' jaf li kellu aktar minn tmienja zgur u tenna illi kienet is-sistema kollha li nqalghet u waqghet mal-art, bil-frame b'kollox.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami fejn iddikjara li l-maltempata ta' dakinhar kienet wahda eccezzjonali sahansitra anki biex johorgu mill-karozza u jimxu fit-triq, kemm hu kif ukoll is-surgent l-iehor sabuha difficli. Dakinhar jiftakar li kien hemm hafna hsarat tant li tas-CPD lanqas kienu qed ilahhqu max-xoghol. Ix-xhud dakinhar kien qed ilahhaq Bormla,

Kalkara u Isla u kien hemm hsarat ohrajn. Mieghu kien hemm PC 831. Huwa tenna li fit-Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kien hemm rapportat dan l-incident biss bhala hsarat.

**PC 831 Jonathan Bordieri** xehed fil-21 ta' Jannar, 2015 fejn iddikjara li fl-10 ta' Marzu, 2012 huwa kien assista lis-surgent dwar incident li kien sehh fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Kalkara. Huwa effettivament kien ix-xufier fil-vettura u kienu marru fuq il-post wara li rcevew telefonata mill-Control Room li kien hemm xi hsarat fil-post. Malli waslu fuq il-post raw li kien hemm parti mill-panelli solari li kienet mal-art fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija. Sid id-dar minn fejn waqghu dawn il-panelli kien diga' qieghed barra fit-triq. Minnufih huma cemplu lil tas-Civil Protection sabiex inehhu l-periklu li kien hemm. Spjega li kien hemm sid il-vettura jew li taghmel uzu minnha certu Giovanna Mirabile vicin tal-vettura. Huwa kkonferma li l-vettura kellha numru ta' registrazzjoni ETN 286 u kienet tal-ghamla Fiat Dublo. Dakinhar jaf li kien rih qawwi.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi hsarat ohra qal illi kien hemm hsarat ohra l-Kalkara pero' mhux f'din l-istess triq. Pero' ma waqfux ghall-hsarat l-ohrajn. Huma kellhom rapporti ta' ncidenti ta' hsara dakinhar stess pero' ma kienux daqstant serji bhal dan u qal illi r-rih kien ta' qawwa konsiderevoli tant li sab diffikulta' biex jaghti ghajnuna minn naha tieghu stess ukoll.

**Giovanna Mirabile** xehdet fis-6 ta' Mejju, 2015, fejn qalet li tiftakar illi dak il-lejl bejn id-disgha u ghaxra ta' Marzu, 2012 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu marru jdoqqulhom l-bieb tad-dar u qalulom illi s-*solar panel* taghhom kien waqa' fuq proprjeta' taghhom liema vann kien ipparkjat fit-triq hdejn il-bieb tad-dar bin-numru ta' registrazzjoni huwa ETN286.

Ix-xhud stqarret illi dakinhar kien hafna rih u filfatt kien hemm hsarat ohrajn minimi fid-dar taghhom, kif ukoll fid-dar tal-girien taghhom. Ix-xhud qalet illi s-*solar panels* filfatt kienu vicin il-vann izda mhux fuqu, u ghalhekk possibilment waqghu minn fuq il-bejt, waqghu fuq il-vann u spiccaw mal-art. Ix-xhud kompliet tghid li filfatt il-vann kellu hsara estensiva.

Meta giet mistoqsija kemm effettivament waqghu panelli wiegbet illi ma tafx u qalet li mbaghad maqrru l-pulizija u ghamlu l-investigazzjoni u stharrig taghhom. Ix-xhud stqarret li filfatt il-panelli waqghu minn fuq id-dar ta' David Aquilina u martu Fiona, u l-vann kien registrat f'isem missierha li dak iz-zmien kien ghadu haj li jismu Filippo Mirabile. Ix-xhud tenniet illi missierha kellu *insurance policy* mal-Elmo u taf illi kienet *fully comprehensive* u kienu ghamlu l-*claim* u thallsu.

Ix-xhud qalet illi peress li l-vann kellu hsarat kbar ma ssewwiex u l-*insurance* kienu tawhom valur ta' dan il-vann. Is-*subrogation form* ezebita f'dawn l-atti datata 16 ta' April 2012 giet immarkata bhala Dokument A a fol 2 fuq dan id-dokument hemm il-firma ta' missierha.

Meta x-xhud giet mistoqsija in kontro-ezami x'tip ta' hsara kellha fid-dar wiegbet li huma kellhom *unit* tal-*aluminium* fil-gallarija gholi ta' bieb, speci ta' kamra zghira bhala *store* u bieb minnhom beda jinstabat mar-rih u spicca l-hgieg tieghu nkiser kollu. Fuq il-bejt taf li kien hemm xi vazuni jew pjanti u dawn ukoll kellhom xi hsarat.

Ix-xhud kompliet tghid li tiftakar li fuq in-*news* kienu qalu wkoll li kien hemm diversi hsarat madwar Malta kollha u l-hsarat fil-vann l-aktar kienu koncentrati fis-saqaf fejn waqghu l-panelli. Ix-xhud qalet li kien hemm

hsara wkoll fuq il-bieba ta' wara u wahda tal-genb tant li l-bibien lanqas setghu jinfethu u li l-vann kellu xi seba' snin.

Meta lix-xhud staqsewha x'sar minnu l-vann wiegbet li filfatt dan ghadu ghandom fl-istess stat li kien u meta staqsewha jekk juzawx dan il-vann wiegbet li xi ftit juzawh fis-sens li jgorru l-haxix bih ghall-hanut.

**Charles Cauchi** xehed fis-17 ta' Gunju, 2015 fejn spjega li fil-kaz in kwistjoni hu kien qed jahdem bhala assessur - *surveyor* tal-Elmo Insurance. Ikkonferma li kien ezamina l-vettura tal-ghamla Fiat Dublo numru tar-registrazzjoni ETN 286 u dan waqt li din kienet ipparkjata gewwa Felix Garage, in-nizla ta' Corradino, Paola. Esebixxa kopja tas-*survey report* mahrug minnu, li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument CSH, u jghid li ma' dan is-*survey* hemm ukoll ir-ritratti tieghu w ikkonferma l-kontenut tieghu. Ix-xhud iffirma dan is-survey fil-presenza tal-Qorti.

Jghid li l-hsarat kienu konsistenti fl-aktar parti fis-saqaf tal-vettura, pero' jghid li effettivament kien affetwat kwazi kollu. Fil-fatt jghid li kien iddikjarah bhala *total loss* minhabba l-valur tal-*parts* u l-ammont ta' parts li kellhom jinbidlu. Jghid li ddikjara l-valur tal-vettura bhala sitt elef Ewro (€6,000). Jispjega li l-valur tal-parts illi kellhom jinbidlu, kien jammonta ghal €4912 inkluz il-VAT u dan bid-*discount*. Ikompli li wasal ghall-valur ta' sitt elef Ewro, skont il-*market book* ta' dak iz-zmien. Inoltre jghid illi dan il-vann huwa mahrug minn Malta lokalment u minn informazzjoni li nghata jidher li kien manifatturat fl-2004, u ghalhekk il-fatt li huwa mahrug minn Malta jiswa izjed milli kieku mahrug barra. Jghid li l-*mileage* tieghu kien 32,460 li huwa relattivament baxx. Jghid illi r-*real value* tieghu kien ta' xi hames mitt Ewro (€500) u li l-vann bazikament kien rovinat, mghaffeg kollu kif sahansitra del resto jirrizulta mir-ritratti. Jispjega li meta s-saqaf tghaffeg 'l isfel ghamel piz u allura l-gnub tieghu hargu 'l barra

wkoll, bhalma huwa ndikat fuq ir-ritratt, pero' l-magna *per se* ma gietx affettwata. Isostni li hu l-vann ma saqux, pero' fl-opinjoni tieghu bid-daqqa li qala' l-magna ma kellhiex tigi affetwata izda fil-kundizzjoni li kien il-vann dak iz-zmien, xorta ma setax jinsaq. Jikkonferma li ghamel referenza ghal *value book guide* u zied li kull meta johrog valur, huwa jew jara l-*market guide book* jew il-*market value* ta' dak iz-zmien. F'dan il-kaz qal li kellu jikkonsidra b'mod partikolari li l-vann ma tantx kellu *mileage* u oltre dan li kien *locally imported*.

Jghid li huwa minnu, jew jista' jkun minnu, illi l-valur tieghu kien ta' erbat elef u tmien mitt Ewro fil-Malta Insurance Guide Book, imma jispjega li dak huwa biss *guide book* u fil-fatt fil-guide book hemm ukoll li kollox jiddependi fuq l-ammont ta' mili li jsiru mill-vettura fis-sena, li ma jirriflettux l-ammont ta' mili li ghandu l-vann in kwistjoni. Fil-kaz tal-vann in kwistjoni, jghid li l-*guide book* jghid illi l-vettura jrid ikollha ghaxart elef kilometru fis-sena, li f'dan il-kaz zgur illi ma kellhiex. Isostni li kieku dan il-vann kellu jissewwa, kienet tigi spiza ta' xi elf u tmien mitt Ewro (€1,800) bejn wiehed u iehor, oltre l-valur tal-vann. Jghid ukoll illi jekk il-klijent jinghata l-vettura, l-Insurance kellha tiehu s-somma ta' hamest elef u hames mitt Ewro (€5500) pero' jekk l-Insurance tiehu l-karozza u zzommha hi allura kellha ttih is-somma ta' sitt elef Ewro (€6,000) u zied illi b'five thousand nine hundred l-insurance zgur illi ma kinitx se ssewwieh il-vann. Is-survey sar fis-27 ta' Marzu 2012.

Rat in-nota pprezentata mis-socjeta' rikorrenti fid-19 ta' Gunju, 2015 li permezz taghha qed tipprezenta kopja informali tas-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (presjedut mill-Gudikatur l-Avukat Dottor Vincent Galea) fis-7 t'April, 2014 fl-ismijiet "**Tamara Micallef vs Preluna Limited**", liema dokument hu mmarkat bhala Dok. ABC.

**John Galdes** xehed fit-30 ta' Settembru, 2015. Huwa ddikjara li jahdem bhala *senior manager* mal-*non-motor claims* ma' Gasan Mamo Insurance. Qal illi David Aquilina kellu Home Policy mas-socjeta' minnu rapprezentata w fost affarijiet ohra kien kopert fuq hsara li tigrilu kawza tal-maltemp. Ikkonferma li fl-10 ta' Marzu 2012 Aquilina kien ghamel claim dwar hsara li sofra fil-pannelli fotovoltajici tieghu minhabba l-maltemp li kien sehh dakinhar. Dan kien ukoll ghamel claim ghall-hsara li grat lil terzi persuni fl-istess jum li dawn il-pannelli waqghu, anzi taru minn fuq il-bejt u waqghu f'karozza fit-triq.

Ftakar li effettivament kienet saret ittra ufficjali minghand l-Elmo Insurance fil-konfront ta' David Aquilina u kompla illi David Aquilina kien mar ghandhom u huma kienu pprezentaw ir-risposta taghhom ghal din l-istess ittra ufficjali. Huwa esebixxa kopja tal-istess, li l-Qorti mmarkat bhala Dokument JG. Spjega li din hija datata 28 ta' Awwissu 2013 u fiha huma kienu nfurmaw lis-socjeta' Elmo Insurance li effettivament din l-istallazzjoni tal-pannelli li sussegwentment waqghu fuq il-karozza kienet saret mill-kumpanija Bajada New Energy Limited, kif effettivament jirrizulta minn dan l-istess dokument JG.

Qal li dakinhar kienet maltempata qawwija hafna u prova ta' dan esebixxa estratti mehuda mill-gazzetti lokali dwar il-maltemp ta' dakinhar. Dawn gew immarkati bhala Dokument JG1 u fihom jidher indikat li effettivament dakinhar kien maltemp sew. Stqarr illi bhala kumpanija sarulhom diversi claims, u fil-fatt qal li kellhom sitta w sittin (66) claim dwar lejl wiehed, b'valur totali ta' mija sitta u tletin elf ewro circa. Dan qalu biex ifisser illi l-maltemp ta' dakinhar effettivament kien kbir ghaliex naturalment ma jkollhomx sitta w sittin claim kull darba li jkun hemm maltempata. Qal li ghalkemm gieli jkun hemm ikbar, pero' din kienet kbira.

Kompla li dakinhar tal-incident effettivament kien mar fuq il-post impjegat taghhom certu Clint Farrugia li kien ukoll gibed xi ritratti. Mistoqsi meta effettivament kienu gew installati dawn il-pannelli spjega li mill-file jirrizultalu li dawn kienu gew installati fi Frar tas-sena 2011, cioe' xi sena qabel ma sehh l-incident. Mistoqsi jekk ghandux kopja tal-kuntratt bejn David Aquilina u Bajada New Energy, wiegeb illi m'ghandux, u zied li ghandu biss l-ircevuti li effettivament kien sar il-hlas. Mistoqsi jekk kienx hemm xi claims ohra dwar hsarat f'dik l-istess triq wiegeb li ma jafx. Mistoqsi jekk jafx dwar il-hsarat kif imsemmija fis-sentenza moghtija mit-tribunal tat-Talbiet iz-Zghar kontra Preluna Limited, ikkonferma li jaf biha ghaliex il-Preluna huma klijenti taghhom u wkoll kellhom diversi hsarat f'din il-maltempata.

Rat in-nota pprezentata seduta stante fit-30 ta' Settembru, 2015 mill-konvenut David Aquilina, li biha esebixxa affidavit tieghu stess, liema affidavit gie mmarkat Dok. DA.

**David Aquilina** fl-affidavit tieghu huwa ddikjara illi huwa l-propjetarju tal-fond 4, Danpris, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Kalkara. Tenna jghid illi fl-ewwel parti tas-sena 2011 huwa kien gab stima minghand Bajada New Energy sabiex jinstalla sistema ta' pannelli fotovoltajici fuq il-bejt tad-dar tieghu u r-rapprezentant ta' din il-kumpanija kien mar biex jara il-bejt tieghu u x'kien ikun mehtieg sabiex issir l-installazjoni. Huwa ra wkoll kemm kien qed jikkonsma elettriku u gie rakkomandat li jitpoggew disa' panelli. Huwa kien kuntent bl-istima li nghata (Dok. DA1) u ghalhekk ordna l-pannelli minghandhom. Hu deherlu li sakemm harget il-grant, dawn il-panelli gew installati ghall-habta ta' Awwissu jew Settembru 2011. Is-sistema kienet tikkonsisti f'disa' pannelli kif ukoll l-inverter u l-istruttura li fuqhom kellhom jitpoggew. Hu halla kollox f'idejn Bajada New Energy

sabiex issir l-installazjoni inkluz ukoll il-mod kif iddizenjaw il-frame li fuqha kellhom jitpoggew il-pannelli u halla f'idejhom, dwar f'liema parti tal-bejt tieghu kellha titpogga l-istruttura. Hu ma jifhimx f'dawn l-affarijiet u ghalhekk halla kollox f'idejn Bajada New Energy minhabba li huma jifhmu f'dan il-qasam. Wara li saret l-installazjoni u s-sistema bdiet tahdem, hu ma kellhu ebda problema bis-sistema.

Fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 jiftakar li kien qam maltemp kbir u kien rih qawwi hafna. Qal illi d-dar tieghu tinsab quddiem il-bahar u ghalhekk ma kienx hemm ilqugh ta' bini iehor u r-rih kien jahkem hafna ghal fuq id-dar tieghu. Ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu hu u l-familja tieghu kienu reqdin, meta mar jhabbtilhom il-gar ta' ma' genbhom certu Cini li kien qallu li l-pannelli kienu waqghu u li kienu qeghdin fit-triq. Fil-pront huwa libes u cempel lil pulizija li marru fuq il-post u min-naha taghhom huma cemplu lil tal-protezzjoni civili sabiex jigu jaqtghu l-istruttura li kienet qed tokkupa parti kbira mit-triq. Hu habbat ukoll lil Giovanna Bartolo minhabba li l-istruttura kienet waqghet fuq il-vann taghha li kien ipparkjat barra d-dar taghha. Milli fehem, missier Giovanna kien imsiefer dak iz-zmien u l-vann kien ghandha.

Il-vann in kwistjoni kien Fiat Doblo u dan kellhu hsarat fuq is-saqaf u l-hgiega ta' wara kienet imkissra. Intant Giovanna hadhet xi ritratti tal-vann u tal-Protezzjoni Civili nehhew l-istruttura minn nofs it-triq u waddbu l-bicciet go ghalqa li kien hemm fil-qrib. Hu zamm il-pannelli sabiex eventwalment jurihom lil tal-insurance. Deherlu wkoll li l-ghada kien is-Sibt u hu cempel lil Joe Busuttil li jiehu hsieb l-insurances tieghu u mieghu ghamel il-claim ma' Gasan Mamo Insurance Limited li maghhom kien assigurat. Xi gimgha wara kien gie fuq il-post rapprezentat ta' Gasan Mamo Insurance Limited, Clint Farrugia sabiex jara dwar il-claim u filfatt kien talbu xi invoices relatati mal-pannelli in kwistjoni u anke kien tela' fuq il-

bejt u ha xi ritratti minn hemmhekk. Il-pannelli kienu kollha total loss, tant hu hekk li l-hgieg tal-pannelli kien kollhu mfarrak u ma setawx jintuzaw. Huwa sussegwentament rega' nstalla s-sistema mill-gdid minghand Bajada New Energy u l-kumpanija tal-assigurazzjoni Gasan Mamo Insurance Limited ikkumpensawh ghal dawn il-hsarat li kien garrab. Xi zmien wara huwa kien rcieva xi dokumenti mill-Qorti, li kienu kawza li nfethet kontrih minghand l-assigurazzjoni ta' Giovanna sabiex ihallas tad-danni li garrab il-vann Fiat Doblo. Huwa pero' ma hassux responsabbli ghal dak li kien sehh minhabba l-fatt li ma kienx hu li nstalla s-sistema fuq il-bejt u hu kien halla f'idejn Bajada New Energy li huma esperti fil-qasam tal-installazjoni tal-pannelli fotovoltajici u ghalhekk ma setax jinzamm responsabbli hu. Barra minn hekk kif diga' qal dakinhar, ir-rih kien qawwi hafna u kien ghalhekk li l-pannelli kienu taru minn fuq il-bejt tieghu ghal isfel.

**David Aquilina** xehed in kontro-ezami fil-25 ta' Mejju, 2016. Mitlub jispjega fejn saret l-installazzjoni minn Bajada New Energy, wiegeb li din saret fuq il-bejt tal-fond Dumprey, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Kalkara, proprjament fuq it-turretta tal-bejt. Spjega li filfatt dawn kienu fuq *frame* tal-hadid li gie ngaljat mal-art bil-viti. Qal illi effettivament anke l-*frame* nqala' w mhux il-pannelli biss.

Qal li l-ewwel haga li ghamel meta sehh l-incident kienet li hareg barra w ra li l-frame bil-pannelli b'kollox kien mal-art u mbaghad tela' fuq il-bejt ma' tal-insurance biex jaghmlu s-survey. Mal-art ma kien hemm xejn. Qabel ma waslu tal-insurance, hu ma telax fuq it-turretta tal-bejt izda fuq il-bejt biss. Iddikjara li l-pannelli bl-istruttura b'kollox inqalghu bir-rih. Zied jghid li fuq it-turretta ra li kien hemm is-solar water heater imqaccat ukoll. Kien hemm ukoll xi zewgt icnagen mhux f'posthom. Qal li dawn kienu relatati mal-installazzjoni tal-pannelli ghaliex il-pannelli kienu marbutin bil-viti mac-cnagen. Qal li kellu s-solar water heater kif ukoll parti mill-faccata

milquta izda apparti d-danni tas-solar panels ma sofra l-ebda danni ohra dakinhar. Hu ma jafx jekk kienx hemm xi hsarat ohra fl-istess triq anzi zied li huwa ma rax hsarat ohrajn 'icto oculi'.

Illi fil-21 ta' Ottubru, 2015 xehdet **Svetlana Caruana** prodotta mill-konvenut li ghandha l-kariga ta' Meteorological Officer li kienet giet mitluba taghti records tat-temp bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2011. Qalet li bejn il-hamsa w is-sitta ta' wara nofsinhar tad-9 ta' Marzu r-rih kien forza 6. Ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija, kien on average forza 7, fit-tmienja kien forza 6 u mid-disgha ta' bil-lejl sal-sebgha tal-ghada filghodu kien forza 7. Spjegat li dawn huma r-records ufficcjali li jittiehdu minn Hal-Luqa. Esebiet din l-informazzjoni li giet immarkata bhala Dok. MO. Spjegat ukoll li huwa possibbli li l-Kalkara r-rih ikun jaqbel aktar peress d-direzzjoni tar-rih kienet 'East'. Ziedet li mill-informazzjoni li ghandha fl-10 ta' Marzu kien hemm ukoll xi maltempati bir-raghad u fejn ikun '*thunderstorms*' wiehed jistenna li jkun hemm buffuri tar-rih aktar qawwija.

Fis-16 ta' Dicembru 2015, il-konvenut ipprezenta nota b'affidavit ta' **Albino Formosa** li kien impjegat ma' Bajada New Energy fil-kariga ta' Technical Manager ghal dawk l-ahhar hames jew sitt snin. Qal li l-kumpanija li jahdem maghha ilha topera fil-qasam tal-pannelli ghal madwar erbgha w ghoxrin (24) sena meta ovvjament tali sistemi ma kinux daqstant maghrufa, ghalkemm imbaghad spjega li l-bulk tal-bejgh u nstallazzjoni tal-pannelli fotovoltajici beda kemm ilu jahdem mal-kumpanija hu. Ix-xhud sostna li dan hu l-uniku kaz fejn installazzjoni shiha ta' sistema fotovoltajika nqalghet minn postha w li waqghet ghal isfel.

Spjega li l-procedura hija li l-ewwel persuna tmur titlob stima dwar pannelli fotovoltajici, huma jmorru fuq il-post biex jaraw il-bejt in kwistjoni w jaghtu l-ahjar options ghall-installazzjoni skond li jkun jixtieq il-klijent. Qal

li struttura tista' jew tintrabat direttament mal-art jew inkella fuq kontrapiz bhalma sar f'dan il-kaz. Kompla jispjega li l-frame tal-pannelli huwa wiehed standard u fiz-zmien li giet stallata s-sistema tal-konvenut dejjem dak it-tip ta' frame jew struttura kienet tintuza. Stqarr li maz-zminijiet l-affarijiet jitjiebu w ikun hemm xi tibdiliet minimi.

L-istallazzjoni in kwistjoni saret ghall-habta ta' Frar 2011 u minn dakinhar sakemm sehh l-incident f'Marzu 2012, il-konvenut ma kellu l-ebda lment. Ovvjament meta gara l-incident, is-Sur Aquilina nfurmahom li l-istruttura kollha kienet inqalghet u waqghet ghal got-triq. Ix-xhud zied li meta mar fuq il-post, is-sistema kienet diga' zarmata u sabha fl-intrata jew taht it-tarag ta' David Aquilina. Sar rapport ta' dak li gie konstatat (Dok. AF1) u gie kkonfermat li s-sistema kienet 'beyond repair'. Xi zmien wara giet installata sistema kompluta gdida fil-proprjeta' ta' David Aquilina. Madanakollu sahaq li l-ewwel sistema, cioe' dik imkissra, kienet installata skond is-sengha w l-arti u li r-raguni li nqalghet, u dan qalu fir-rapport tieghu, kienet minhabba l-maltempata qawwija li kienet laqtet lil Malta dakinhar tal-incident.

**Albino Formosa** xehed in kontro-ezami fil-25 ta' Mejju, 2016. Dan iddikjara li ghandu licenzja ta' PV installer, filfatt ghandi Licence A u B tal-elettriku. Mistoqsi jekk kienx involut b'mod partikolari fil-kaz ta' bejgh u installazzjoni tal-pannelli fotovoltajici odjern, wiegeb illi ma kienx, anzi zied li ma jafx personalment kif saret l-installazzjoni fil-fond inkwistjoni. Mistoqsi min ghamel l-installazzjoni in kwistjoni qal illi jehtieglu jivverifika ghax bl-amment ma jafx. Spjega illi din l-istruttura kienet maghrufa bhala PV1 thirty degrees, u hija maghmula minn hot tip galvanized steel u hija wahda standard. Zied li meta mar fuq il-post, sab li l-istruttura kienet gia zarmata. Qal li l-istruttura tigi raw-bolted mas-saqaf, u hekk sar fil-kaz in ezami. In oltre l-istruttura hija ddisinjata biex tiflah l-

elementi normali u t-temp ta' Malta. L-istrutturi jigu manufactured hawn Malta skont l-ispecifications adegwati. Id-design min-naha taghhom isir minn Tuning Fork Limited. Iddikjara li filfatt hemm standard li jirregola dan kollu u huma jahdmu fil-parametri tal-istandard ghalkemm bl-amment dawn ma jafhomx, pero' qal li jista' jivverifika sas-seduta sussegwenti.

Illi fil-31 ta' Jannar, 2017 rega' xehed **Albino Formosa** u esebixxa r-rakkomandazzjonijiet li sarulhom minn Tuning Fork li hija kumpanija ta' engineering. Dawn kienu konsulenti taghhom fuq l-istrutturi ta' dak iz-zmien. Spjega li qabel ma harget ir-regolamentazzjoni tar-Regulation for Energy and Water Services maghrufa bhala REWS, in-norma kienet li l-istrutturi jkunu certifikati sa *fourth stand*. Pero' zied li skont id-dokumentazzjoni ezebita minnu seduta stante, li giet mmarkata bhala Dokument Z, l-inginiera kienu ccertifikaw li huma kienu marru oltre u filfatt kienu ttestjawhom u kienu qed jilhqu *force eleven*. Qal li filfatt imbaghad harget l-update tal-REWS, li giet immarkata bhala Dokument Z1 u kienu qabbdu structural engineer biex jerga' jaghmel certification tal-istrutturi. Ix-xhud esebixxa dokument mahrug ghal dan il-ghan li gie mmarkat bhala Dokument Z2 u huwa kien filfatt iccertifika illi l-istrutturi kienu jifilhu sa force twelve. Bhala description force twelve jiflah hurricane li tigi over 117 kilometres per hour.

Ikkonferma illi dawn l-inginiera kienu tqabbdu sabiex jittestjaw id-disinn tas-sistema. Qal illi l-inginiera in kwistjoni jiccertifikaw kull tip ta' disinn u zied li kull sistema li huma jinstallaw tigi certifikata minn inginier. Min kien l-inginier ta' dak iz-zmien pero' ma ftakarx, pero' qal li din ic-certifikazzjoni ssir bil-miktub u filfatt hija rikjesta mill-MRA. Dak iz-zmien l-originali kienet tidhol l-MRA, illum maghrufa bhala REWS, u kopja jzommha l-klijent. Mistoqsi kif jispjega illi s-sistema in kwistjoni ma zammitx minkejja li r-rih ma kienx ta' force 12, wiegeb illi huwa kien sab

cuttings ta' gazzetta, li ezebixxa prezenzjalment u li giet immarkat bhala Dokument Z3, fejn hemm miktub illi highest wind gust kienet 122 kilometers per hour gewwa l-Mellieha u l-inqas kienet ta' Balzan, kienet ta' 70km per hour. Mistoqsi jekk kienx hemm xi rapporti ohrajn ta' klijenti in konnessjoni mal-incident li sehh fl-10 ta' Marzu 2012, qal illi onestament ma jiftakarx, pero' jista' jiccekkja l-ufficcju ghaliex dakinhar ma kienx jokkupa l-istess kariga li ghandu llum. Ikkonferma pero' li effettivament is-sistema li giet installata kienet konformi mar-regolamenti tar-REWS. Huma kienu gew infurmati dwar dan l-incident mill-klijenti taghhom.

**Owen Ellul** xehed in rapprezentanza tal-Awtorita Maltija ghar-Rizorsi nhar it-22 ta' Marzu 2017 fejn qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' analista u jiehu hsieb l-iskemi. Hu esebixxa l-applikazzjoni li kien iffirma David Aquilina sabiex inghata l-grant fuq sistema ta' pannelli fotovoltajici, installati fil-fond Dumpris, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Kalkara u dan fis-sena 2011. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH.

Rat in-nota ta' referenzi ta' David Aquilina prezentata fl-atti ta' din il-kawza nhar l-10 ta' Novembru 2017 u in-nota ta' sottomissjonijiet risponsiva tas-socjeta' attrici pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Frar 2018.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018 meta talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza s-socjeta' assikuratrici attrici qed titlob lil din l-Qorti tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma ta' hamest elef u hames

mitt ewro (€5,500) rapprezentanti din is-somma danni li hija soffriet meta hija hallset l-claim tal-assikurat taghha Filippo Mirabile dwar hsarat li huwa sofra fil-vettura tieghu numru ta' registazzjoni ETN 286 waqt li din kienet ipparkjata fi Triq il-Konvoj, Kalkara u meta l-pannelli li kienu installati fuq il-bejt tal-konvenut taru u l-istruttura kollha waqghet fuq il-karozza tal-assikurat taghhom u kkagunaw hsarat konsiderevoli.

Il-konvenut minn naha tieghu jghid li m'ghandux jinzamm responsabbli ghal dan l-incident peress li huwa kien inkariga nies professjonali u cioe' Bajada New Energy sabiex jinstallaw is-sistema tal-pannelli fotovoltajici u minkejja li kien gharraf lis-socjeta' attrici dwar dan, is-socjeta' attrici ghazlet li tharrek lilu u mhux lis-socjeta' li ghamlet ix-xoghol. Il-konvenut isostni ukoll li l-hsarat sehhew minhabba forza magguri minhabba maltemp qawwi li hakem il- gzejjer Maltin bejn il-lejl tad-9 u l-10 ta' Marzu 2012.

Illi mill-provi prodotti ma hux kontestat li Filippo Mirabile sofra danni fil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni ETN 286 kif deskritti mis-surveyor tas-socjeta' assikurattrici Charles Cauchi li jghid li l-hsarat kienu konsistenti fl-aktar parti fis-saqaf tal-vettura, pero' jghid li effettivament kien affettwat kwazi kollu. Fil-fatt jghid li kien iddikjara l-vettura bhala *total loss* minhabba l-valur tal-*parts* u l-ammont ta' parts li kellhom jinbidlu. Jghid li ddikjara l-valur tal-vettura bhala sitt elef Ewro (€6,000). Jispjega li l-valur tal-parts illi kellhom jinbidlu, kien jammonta ghal €4,912 inkluz il-VAT u dan bid-*discount*. Ikompli li wasal ghall-valur ta' sitt elef ewro, skont il-*market book* ta' dak iz-zmien. Naturalment minn din is-somma jrid jitnaqqas il-valur tar-wreck value u cioe' is-somma ta' hames mitt ewro (€500). Dan hu kkonfermat mis-subrogation form esebita fl-atti a fol. 2 fejn hemm indikat li Filippo Mirabile sid l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ETN 286 li kien qed jircievi s-somma ta' hamest elef u hames mitt ewro (€5,500) in full and final settlement minghand is-socjeta' attrici

fejn in segwitu huwa awtorizza lill-istess socjeta' sabiex tagixxi kontra il-konvenut sabiex tigbor dawn l-ispejjez imhallsa lilu u dan skond is-subrogation form Dok A a fol 2.

Dwar dan ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Jidher li l-kontestazzjoni tikkoncerna biss il-mertu u cioe' jekk in effetti l-konvenut ghandux jinzamm responsabbli ghad-danni sofferti minn Filippo Mirabile kif assunti mis-socjeta' attrici meta dakinhar kien hemm dak il-maltemp kollu u meta huwa kien agixxa bhala *bonus pater familias* meta wahhal il-panelli voltajici tant li kien ingagga kumpanija ben notevoli f'dan il-qasam tax-xoghol. Il-konvenut jghid li dan kien kaz klassiku ta' *force majeur* minhabba il-maltempata li ghamlet matul dak il-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012.

Illi l-konvenut sostna li dakinhar kien il-maltemp u li l-panelli nqalghu minhabba r-rih qawwi li kien hemm. Huwa ressaq bhala xhud tieghu rapprezentant tal-Meteorological office li stqarret (fol 62) li "*bhala rih kien forza sitta dak il-lejl, bhala direction east to north fl-ewwel parti tal-lejl. Bejn il-hamsa u s-sebgha ta' wara nofsinhar tad-9 ta' Marzu 2012 kien forza sitta. Ghal habta tas-sitta ta' filghaxja kien on average force seven, fit tmienja kien force six u mbaghad mid-disgha ta' bil-lejl fid-9 ta' marzu 2012, is-sebgha ta filghodu l-10 ta' Marzu 2012 kien forza sebgha.*"

Huwa nteressanti f'dan ir-rigward dak li qal Albino Formosa li xehed ghan-nom ta' Bajada New Energy, l-kuntatturi li wahhlu din is-sistema ta' panelli fil-fond tal-konvenut. Jghid li *'l-istrutturi jifilhu sa force twelve u filfatt bhala description force twelve jiflah hurricane li tigi over 117 kilometers per hour'* .

Jinghad pero' li minkejja li ma kienx hemm force twelve xorta il-panelli inqalghu minn ma' l-art bl-istruttura b'kollox, taru u waqghu fit-triq, proprju fuq il-vettura ta' Mirabile. Ghalhekk jidher li in effetti mhux minnu jew li l-panelli jifilhu dawn l-irjhat jew li twahhlu kif suppost ghaliex kieku ma tarux u kkawzaw il-herba li ghamlu.

Mhux kontestat li dakinhar kien maltemp kif fil-fatt sahasnitra anke xehdu l-pulizija li marru fuq il-post sabiex jinvestigaw ir-rapport li kellhom. Bizzejjed jinghad dak li qal PC 337 Mark Mercieca u cioe' li *"dakinhar kien rih qawwi u f'dak il-lejl li huma kienu sejrin lejn il-vettura nnutaw li kien hemm hafna sigar li tqacctu fl-akkwati*". Qal ukoll li "*l-maltempata ta' dakinhar kienet wahda eccezzjonali sahansitra anki biex johorgu mill-karozza u jimxu fit-triq kemm hu kif ukoll is-surgent l-iehor sabuha difficli. Dakinhar jiftakar li kien hemm hafna hsarat tant li tas-CPD lanqas kienu qed ilahhqu max-xoghol. Ix-xhud dakinhar kien qed ilahhaq Bormla, Kalkara u Isla u kien hemm hsarat ohrajn. ….*" Huwa tenna li fit-Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kien hemm rapportat dan l-incident biss bhala hsarat. PC 831 Jonathan Bordieri ukoll jghid li "*Huma kellhom rapporti ta' ncidenti ta' hsara dakinhar stess pero' ma kienux daqstant serji bhal dan u qal illi r-rih kien ta' qawwa konsiderevoli tant li sab diffikulta' biex jaghti ghajnuna min naha tieghu stess ukoll."* Xehdet ukoll Giovanna Mirabile li kkonfermat li dakinhar bil-lejl kien hemm hafna rih tant li kellhom xi bieba li bdiet tissabbat u sahanstira anke inkiser il-hgieg taghha.

John Galdes ghan-nom tas-socjeta' Galdes Mamo Insurance prodott mil-konvenut xehed u kkonferma li l-konvenut kellu home insurance policy li tkopri anke il-hsara li giet kagunata minhabba li l-panelli li kellu fuq il-bejt inqalghu minn posthom u ikkawzaw danni. Ikkonferma fix-xhieda tieghu li "dak il-lejl kien hemm hafna rapporti ta' hsara minhabba l-maltemp li *kien hemm … Qal li dakinhar kienet maltempata qawwija hafna u prova ta' dan*

*esebixxa estratti mehuda mill-gazzetti lokali dwar il-maltemp ta' dakinhar. Dawn gew immarkati bhala Dokument JG1 u fihom jidher indikat li effettivament dakinhar kien maltemp sew. Stqarr illi bhala kumpanija sarulhom diversi claims, u fil-fatt qal li kellhom sitta w sittin (66) claim dwar lejl wiehed, b'valur totali ta' mija sitta u tletin elf ewro circa. Dan qalu biex ifisser illi l-maltemp ta' dakinhar effettivament kien kbir ghaliex naturalment ma jkollhomx sitta w sittin claim kull darba li jkun hemm maltempata. Qal li ghalkemm gieli jkun hemm ikbar, pero' din kienet kbira."*

Illi ghalhekk bhala fatt ut sic kien hemm il-maltemp dakinhar bejn id-9 u l-10 ta' Marzu 2012 mhux kontestat. Il-kontestazzjoni hija jekk is-socjeta' assikurattrici ta' Filippo Mirabile ghandhiex tigi rimborsata ghall-flejjes li hija harget lil Filippo Mirable minhabba d-danni li huwa sofra fil-vettura tieghu rizultat ta' dal-maltemp meta l-panelli tal-konvenut inqalghu minn mal-art tal-bejt u taru u waqghu fuq il-vettura ta' Mirabile.

**Responsabbilita' ghall-event dannuz**

Illi f'din il-kawza is-socjeta' assikurattrici Elmo Insurance ghan-nom tal-assikurat taghha l-attrici Filippo Mirabile qeghda tifittex lill-konvenut sabiex jigi kkundannat jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur Mirabile fil-vettura tieghu numru ta' registrazzjoni ETN 286 waqt li din garrbet hsarat meta kienet ipparkjata quddiem ir-residenza ta' David Aquilina bejn il-lejl tad-9 u l-10 ta' Marzu 2012 minhabba t-traskuragni fix-xoghol li gie esegwit mis-socjeta' Bajada New Energy fuq istruzzjoni ta' l-istess konvenut.

Mhux kontestat li s-socjeta' assikurattrici fil-fatt diga' kkumpensat lill-attur Mirabile ghad-danni li sofra skond is-survey report esebit fl-atti fl-ammont

ta’ hamest elef u hames mitt ewro (€5,500) (skond dokument esebit a fol. 2).

Hawnhekk si tratta ta’ *culpa aquiliana*. Skond l-Artikolu 1031 kulhadd jwiegeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. **L-Artikolu 1032** jagħti definizzjoni tal-ħtija u cioe’ ghandu jitqies “*fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza d-diliġenza u l-ħsieb ta’ missier tajjeb tal-familja*.”

Isegwi li sabiex is-socjeta’ attrici tirnexxi f’din il-kawża ta’ danni, hija ghandha tipprova li sofriet ħsara, bil-ħtija (kif imfissra fl-artikolu 1032) tal-konvenut.

Kif jinghad fis-sentenza moghtija nhar it -28 ta' Lulju, 2011 fl-ismijiet “**GO p.l.c. vs Charles Dimech**” ġie ritenut li “*hu pacifiku li l-ligi trid illi min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu, imma mhux aktar minn hekk.*”

Il-Qorti tal-Appell, fid-9 ta' Frar, 2005, fl-Appell Civili fl-ismijiet “**Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta P.l.c. et**” irreteniet illi:

*“Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabbilita’ extra kontrattwali u tenuncja r-regola li l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabbilita` ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli, li tista’ tkun doluza jew kolpuza. Imgieba din li ghandha jkollha necessarjament ness ta’ kawzalita` mal-event dannuz*;” Is-socjeta’ attrici qed tibbaza il-pretensjonjiet taghha fuq il-htija aquiliana li tippresupponi fatti li minnu titnissel ex nunc.

F'din it-tip ta' azzjoni kontrarjament ghal dik kontrattwali ma hemmx rabta obbligatorja antecendenti ghall-att jew ommissjoni li jaghti lok ghad-dannu li l-atturi jallegaw li gie lilhom kawzat. Fuq l-atturi jintefa' l-oneru li jippruvaw in-nexus bejn l-agir tal-intimat u d-dannu minnhom soffert (ara **Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe**, PA 03/07/2003 fost hafna ohrajn li jenuncjaw dan il-principju bazilari tad-dritt).

Ovvjament kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dak l-uzu (**art. 1030** Kodici Civili). Dan il-qies insibuh fl-**artikolu 1032(1)** fejn kif enuncjat aktar 'l fuq, il-ligi tispjega li jekk ma tintuzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, titwieled ir-responsabbilta' ghad-danni.

Illi s-socjeta' attrici pprovat li d-danni soffert minnha gie kagunat minhabba l-fatt li l-pannelli voltajici mwahhla fuq il-bejt tal-konvent nqalghu minn ma' l-art bic-cnagen kollha, taru u waqghu fuq il-vettura tal-assikurat taghha. Jigifieri is-socjeta' attrici pprovat n-nexus bejn ix-xoghol li sar fuq il-bejt tal-konvenut mal-hsara li sofra Mirabile fil-vettura tieghu.

Il-konvenut pero' qed jghid li huwa ma kienx traskurat fl-ghemil tieghu tant li qabbad s-socjeta' reputabbli f dan il-qasam ta' xoghol u ghalhekk agixxa bhala *bonus pater familias* u dak li gara kien rizultat ta' forza magguri. Illi l-konvenut principalment qed jeccepixxi l-forza maggura.

Illi l-artikolu relevanti huwa l-**artikolu 1029** tal-Kap. 16 li jghid:

"*Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.*"

Illi l-gurisprudenza taghna tul is-snin iddefiniet b'mod aktar approfondit dan il-kuncett. Hekk per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Mizzi et vs Tbib Joseph M. Paris et** insibu s-segwenti:

"*Skond il-gurisprudenza tal-qrati taghna l-"forza magguri" hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibli li wiehed jirrezisti, mentri l-"kaz fortuwitu" huwa dak meta avveniment ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza. Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forzamagguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Ghalhekk skond il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-dilegenza ordinarja tal-bonus pater familias. Din il-prevedibilita' trid tkun ta' probabilitajiet ragionevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili.* (Ara Vol. XXIV p.l.p. 172; Vol. p.l.p 74; Vol. XLVIII p.l.p. 258)".

Illi f'din il-kawza citata fejn il-prentenzjoni kienet danni kkawzati minn gharar, id-difiza ta' forza magguri ma intlaqghatx ghaliex dik il-Qorti dehrilha hekk:

"*Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-incident seta' gie evitat kieku l-appellanti ghamlu x-xoghol li kien ilu jigi mitlub minnhom mir-residenti.*"

Illi sentenza ohra li ezaminat dan il-kuncett kienet **Tabone Computer Centre Limited vs Joe Camilleri**. Il-Qorti qalet hekk:

*"Madankollu, hija regola maghrufa li "perche" l'impossibilita' della prestazione costituisca causa di esonero del debitore da responsabilita', non basta eccepire che la presentazione non possa eseguirsi pel fatto del*

*terzo, ma occorre altresi'dimostrare la propria assenza di colpa con l'uso della diligenza spiegata per rimuovere l'ostacolo frapposto da altri all'esatto adempimento" (Cass. 22.10.1973 (Kaz. Nru. 2688). "l'impossibilita' che estingue la obbligazione o giustifica il ritardo nell'adempimento e' da intendere in senso assoluto ed obiettivo e consiste nella sopravvenienza di una causa non imputabile al debitore, che impedisce definitavamente o temporaneamente l'adempimento dell'obbligazione. Il che puo' evidentemente verificarsi solo quando la presentazione abbia per oggetto la consegna di una cosa determinata o di un genere limitato e non gia' quando di una somma di danaro*" (Cass. 15.17.1968 (Kaz. Nru. 1319)).

Illi fis-sentenza **George Farrugia et vs Pacifika Masini noe et** insibu s-segwenti:

Dwar id-dritt Franciz ikkummenta l-awtur Barry Nicholas, "*The decisions of the Cour de cassation reiterate the proposition that force majeure refers to events which make performance impossible, not to those which only make it more onerous'. No doctrine of change of circumstances or economic impossibility or disappearance of the foundation of the contract or frustration of the adventure has been admitted by the civil courts, even in the aftermath of two catastrophic wars..... The impossibility must be absolute. To this the only exception is for contracts involving personal performance. Thus an author who had contracted to write a play by certain date was exempted from liability when a dental operation prevented him from writing for three weeks*". (Pagna 203 mill-ktieb citat f'din is-sentenza).

Kif pacifikament akkolt mill-gurisprudenza taghna fuq is-suggett il-"*forza magguri"* hija dik il-forza li ghaliha huwa mpossibbli li wiehed jirrezisti, mentri l-"kaz fortuwitu" huwa dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut

minn persuna ta' ordinarja diligenza – "**Albert Borg Falzon pro et noe – vs- Charles Darmanin pro et noe**", Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju 1940 (Vol XXX pI p869).

Gja kien gie stabbilit illi "*il caso fortuito o la forza maggore e` l'evento non dipendente da azione o omission volontaria o colposa, non prevedibile o almeno non evitabile*" – "**Pubblio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich et**", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919 (Vol XXIV p I p172).

Hekk issokta jinghad ukoll illi *"biex ikun hemm il-kaz fortuwitu jrid ikun hemm event li ma jiddependix mill-fatt tad-debitur, event imprevedibbli u inevitabbli. Ghall-applikazzjoni tal-prevedibilita` jew imprevedibilita` ta' l-event ghandha tigi applikata t-teorija tad-diligenza tal-"bonus pater familias*", li fin-nuqqas taghha ggib il-"colpa" tad-debitur, li allura jiznatura l-koncett tal-"forza maggiore" – "**Kurunell Hugh Philip Raymond noe -vs- Negte Manwel Busuttil pro et noe**", Appell Kummercjali, 16 ta' Novembu 1942 (Kollez Vol XXXI pI p554).

Fil-precitati kazijiet kollha gie affermat il-principju illi "*il concetto del caso fortuito, in quanto almeno alla irresponsabilita` che ne deriva, viene meno quando concorre il fatto positivo o negativo dell'uomo*" ("**P.L. Costantino Fenech –vs- Camillo Gatt noe et**", Prim'Awla, 17 ta' Mejju1902 (Vol XVIII pII p164; "**Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et**", Prim'Awla, 7 ta' Gunju 1938 (Vol XXX pII p142).

Kif ahjar spjegat fil-precitata sentenza a Vol XXIV p I p 172, "*quando invece vi ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenza della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza*

*avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto*".

Skond il-principji tad-dritt biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma mehtieg li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat b'diligenza ordinarja tal-bonus paterfamilias" – "**Carmelo Micallef -vs- Brigadier John Belle McCance noe**", Prim'Awla, 7 ta' Frar 1953 (Vol XXXVII pII p637).

Osservazzjoni din ribadita fis-sentenza recensjuri tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Micallef –vs- Direttur tax-Xoghlijiet**", 28 ta' Frar 2001.

Premessi dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt fuq il-materja huwa konkordament ricevut illi "*l-prova tal-forza magguri jew tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha d-debitur*" ("**Consiglia Fenech –vs- Angelo Carabott**, Appell Kummercjali, 17 ta' Novembru 1941, Vol XXXI pI p467).

Ghaldaqstant fil-kaz odjern il-prova tal-kaz fortuwitu ghandu jaghmilha l-konvenut. Il-konvenut ghandu fuq l-iskorta ta' dak fuq ribadit, jipprova mhux biss l-avveniment insolitu u sproporzjonat, izda irid jipprova illi l-akkadut kien inevitabbli u ma setax jigi evitat bid-diligenza ta' bonus pater familias.

F'dan il-kaz il-konvenut ma qal xejn dwar il-prekawzjoni li ha meta gew installati l-panelli, donnu ried jghid li huwa qabbad is-socjeta' Bajada New Energy u halla kollox f'idejha. Jghid li ghalih din hija socjeta' serja li taf fuq il-materja u ghalhekk seta' jistrieh fuq l-inkarigu li huwa taha. Fl-ebda hin ma qal li mar xi enginier sabiex jiccertifika s-sistema jew addirittura li

ghamel xi stharrig ta' kif kellhom jitwahhlu l-panelli. Li hu zgur hu li Albino Formosa jghid li skond id-dokumentazzjoni esebita minnu rigward il-panelli in desamina dawn jifilhu rih li ma jkunx jeccedi forza 12. Issa mill-provi imressqa mill-istess konvenut jirrizulta li r-rih dakinhar kien bejn force 6 u 7 u ghalhekk zgur li dawn il-pannelli ma waqghux minhabba l-forza tar-rih ghaliex kien hafna inqas minn dak permess bl-installazzjoini li kellu jkun hemm. Dan ix-xhud pero' meta gie mistoqsi jekk kienx hemm xi sistemi ohra installati f'xi djar ohra li nqalghu rizultat ta' dawn l-irjhat jghid li ma jafx.

Jirrizulta mix-xhieda prodotta li ghalkemm kien hemm il-maltemp ma jirrizultax li kien hemm xi panelli ohra li nqalghu lanqas f'akkwati ohra. Jinghad li kieku sar il-maintenance relattiv ghal dawn il-panelli u l-konvenut vverifika li ma kinux qed jiccaqilqu meta ra li kien hemm dan il-maltemp setgha jipprevjena il-hsarat li sehhu. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex jindika li in effetti qabel ma kien hemm din il-matempata dawn il-panelli kienu siguri f'posthom u ma kinux gja qed jiccaqilqu. Jidher li l-panelli kienu ilhom li gew installati ghal zmien sena qabel ma sehh l-incident. Mill-provi prodotti jirrizulta li lanqas fit-triq fejn sehh dan l-incident ma kienx hemm hsarat ohra.

Ghaldaqstant din il-Qorti mhix qed taccetta id-difiza tal-forza magguri.

Dan mhux kaz ta' *res ipsa loquitur* li l-effett taghha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u tohloq bhal speci ta' presunzjoni ta' "*prima facie*" li t-tort huwa ta' wiehed u mhux tal-iehor ghaliex gie pruvat li d-danni gew kagunati meta taru l-panelli u waqghu fuq il-vettura u dawn waqghu ghaliex ma kinux marbuta sew. Li kieku kienu marbuta kif suppost skond is-sengha u l-arti ma kinux jaqghu kif del resto ma waqghux ta' hafna djar ohra anke fil-vicinanzi ta' l-istess.

**Ghaldaqstant l-Qorti qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef u hames mitt ewro (€5,500) kif mitluba fir-rikors promotur u qieghda tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenut.**

**L-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu, 2013 ghandhom jigu supportati mill-konvenut u l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn meta gie notifikat bl ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 2013.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**